MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2006

Numru 1203/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**vs**
**Andre Cali**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Andre Cali** ta’ 22 sena, bin Martin u Anna nee’ Padovani, mwieled Pieta fil-21 ta’ Frar, 1984, residenti gewwa Flt 2 ‘Bella Vista Court’, Triq il-Qratas, Ibragg u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 189384(M);

Talli fl-Ibragg u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer fit-3 ta’ Novembru, 2006 u fix-xhur precedenti;

1. Ghal qliegh jew ghat-taqssim, jew ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort’ohra ghamel, jew dahhal

f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

2. Innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera' xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza u stante ammisssjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 208 (1) u (2) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat, fejn ghalhekk dan ghandu jitqies bhala *first offender* skond l-att dwar il-Probation Kap 446

Wara li l-Qorti kienet accertata mill-prosekuzzjoni illi d-DVD esebit ma jikkontjeni ebda materjal dwar minorenni u li r-rejat kien jikkonsisti fl-ikkuppjar ta' DVD fejn l-imputat kien intercettat b' kopja wahda li hu ghamel fuq il-computer tieghu stess. Ikkontemplat illi ghal dan ir-rejat allura hemm il-piena massima ta' prigunerija ta' sitt xhur jew il-multa jew it-tnejn flimkien. Wara li semghet lil-prosekuzzjonit tiddikjara illi l-imputat ikkolabora bi shih;

Minflok li tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) mill-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 oltre li tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm100 fuq l-ewwel akkuza u Lm100 fuq it-tieni akkuza;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti mnn din is-sentenza, tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebiti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------